**19 ta' Novembru, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – *President***
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo B.A., LL.D.**

Reverendu Dun Carmelo Zammit *noe et*

*versus*

Alfred Gravina *noe*

**Użukapjoni – Pussess mhux Ekwivoku**

*Għalkemm l-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili jitkellem biss dwar preskrizzjoni ta' azzjonijiet ġudizzjarji, huwa jikkomprendi kemm il-preskrizzjoni estintiva kif ukoll dik akkwisittiva.*

*Il-preskrizzjoni akkwisittiva tikkompleta ruħha bit-tul taż-żmien li trid il-liġi akkoppjat mal-pussess animo domini, bla ma hu meħtieġ li min jinvokaha jipprova t-titolu ta' l-akkwist jew il-buona fede.*

*Għall-element intenzjonali hu biżżejjed li l-preskrivent ikollu l-intenzjoni li jsir sid tal-ħaġa, anke jekk ikun jaf li hi ta' ħaddieħor.*

*Il-pussess irid ikun kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku u mhux ekwivoku.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla ta' l-14 ta' Diċembru 1990, li minnha sar dan l-appell u li taqra hekk:

"Rat iċ-ċitazzjoni li biha, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, l-attur *nomine* ppremetta:

Illi huwa fil-kwalità tiegħu premessa huwa proprjetarju ta' *garage* fi Sqaq iċ-Ċawlat, Għaxaq illum numru 1, Triq Santa Marija, Għaxaq, u l-konvenuti fil-kwalità tagħhom premessa qegħdin jippretendu li għandhom xi titolu għall-istess *garage* u

qegħdin jiddetjenu l-muftieħ tiegħu mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, u talab li jiġi ddikjarat minn din il-Qorti illi l-konvenuti *noe* qegħdin jiddetjenu l-muftieħ jew il-pussess ta' l-istess *garage* mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u talab;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-konvenuti li jibqgħu inġunti biex jidhru personalment għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur *nomine* u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fil-kwalità tagħhom premessa li biha huma eċċepew:

*Omissis;*

Illi l-azzjoni odjerna hi preskritta skond l-art. 2248 u 2249 tal-Kodiċi Ċivili;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti *nomine* u l-lista tax-xhieda tagħhom;

*Omissis;*

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ittrattat:

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża taf l-oriġini tagħha għall-fatt li l-konvenuti *nomine* rrifjutaw li jikkonsenjaw il-muftieġ tal-maħżen in kwistjoni lill-attur *nomine*. L-attur għalhekk kien istitwixxa proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati għall-konsenja ta' l-istess muftieħ, iżda l-konvenuti kienu eċċepew li huma għandhom titolu ta' proprjetà u għalhekk dik il-Qorti ddikjarat ruħha inkompetenti *ope exceptionis* u l-attur imbagħad adixxa din il-Qorti;

Il-konvenuti *nomine* eċċeppew l-*usucapio* a tenur ta' l-artikolu 2248 u 2249 tal-Kodiċi Ċivili llum artikolu 2143 u 2144 tal-Kap. 16 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta (1984) u li in virtù ta' l-istess disposizzjonijiet qegħdin jeċċepixxu li huma proprjetarji ta' l-istess maħżen;

L-artikolu 2143 jiddisponi li "L-azzjonijiet kollha reali, personali jew misti jaqgħu bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena, u ebda opposizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' *buona fede*";

L-artikolu 2144 jiddisponi:

"(1) Iż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni msemmi fl-artikolu 2140 u 2143 ma jgħoddx għall-preskrizzjoni fil-każ ta' immobbli suġġett għall-*fede*kommess jew ta' immobbli jew azzjonijiet li jkunu ta' jew li jmissu lill-knejjes jew xi istituzzjoni pija;

"(2) F'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin f'dawk l-artikoli, il-preskrizzjoni dwar il-ħwejjeġ u l-azzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tagħlaq biss bl-għeluq ta' erbgħin sena, iżda ebda opposizzjoni għal dik il-preskrizzjoni

ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' *bona fidi''*;

*Il-ġurisprudenza* u d-dottrina huma fis-sens *illi* l-artikolu 2143 ġà ċċitat għalkemm improprjament jitkellem biss fuq il-preskrizzjoni ta' l-azzjonijiet ġudizzjarji, huwa jikkomprendi tant il-preskrizzjoni estintiva kemm ukoll dik akkwiżittiva, li tikkompleta ruħha, akkoppjata mal-pussess *animo domini* kif trid il-liġi, bit-tul taż-żmien preskritt mil-liġi, bla bżonn mill-parti ta' min ikun irid jirradika fuqha l-azzjoni tiegħu li jiġi minnu ppruvat it-titolu ta' l-akkwist u l-*bona fede*. Kif huwa risaput il-preskrizzjoni hija wieħed mill-modi li bihom persuna tista' takkwista dritt kwalunkwe sew ta' kreditu sew ta' dominju, u dan il-mod ta' akkwist għandu saħħa li jikkonvalida bla miktub bl-elementi rikjesti għall-preskrizzjoni akkwisittiva;

In kwantu għall-element intenzjonali huwa biżżejjed li l-preskrivent ikollu l-intenzjoni *li jsir proprjetarju* tal-ħaġa, anke jekk ikun jaf li hija ta' ħaddieħor (Ara Vol. XLVI-1-381). L-istess sentenza rriteniet illi huwa minnu li min jippersegwi u *jesperimenta azzjoni fuq il-bażi legali li fuq intqalet (fil-każ odjern* tapplika l-massima *reus in excipiendo fit actor)* irid juri li huwa saħħaħ fih il-pussess **kontinwu, mhux miksur** *(non interotto)* **paċifiku pubbliku** u **mhux ekwivoku** u għal żmien determinat mil-liġi. Dawn il-kondizzjonijiet juru l-kwalità tal-pussess *animo domini* li għandu jkun akkoppjat maż-żmien rikjest mil-liġi biex isaħħaħ il-preskrizzjoni. Biex il-pussess ikun **kontinwu** wieħed għandu jifhem detenzjoni tal-godiment reali u effettiv li jkun jattesta l-intenzjoni tal-pussess u mingħajr qatt l-istess pussess ma ġie abbandunat. It-turbament li jiġi rreżistit, skond id-dottrina, ma jiksirx il-kondizzjoni tal-kontinwità u biex it-turbament ikun jista' jingħad li jisker il-kontinwità ried fil-fatt jirnexxi, u dan għal raġunijiet ovvji, fosthom prinċipalment il-

*messa in scena* ta' azzjoni insostenibbli legalment. Dwar il-kundizzjoni li l-pussess **ma jkunx miksur**, din hija marbuta mal-kontinwità tal-pussess u timporta l-manteniment ta' l-istess kontinwità. Għalhekk fil-każ ta' l-eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* jrid jiġi eżaminat jekk huma sa ma għaddew l-erbgħin sena ġewx ċivilment (bi promozzjoni ta' attijiet ġudizzjarji attivi) jew naturalment (bil-privazzjoni fiżika tal-pussess) turbati bil-fatt ta' terzi persuni jew b'xi rikonjizzjoni magħmula mill-konvenuti *nomine* stess kuntrarja għall-pussess minnhom ivvantat. Dan il-pussess tal-preskriventi jrid ukoll ikun **paċifiku**, jiġifieri li ma ġiex ottenut bi vjolenza. Irid ukoll ikun **pubbliku** *(nec clam)*. Fuq dawn l-aħħar żewġ kondizzjonijiet mhux il-każ li wieħed jiddilunga billi l-kontestazzjoni ta' l-attur *nomine* hija li l-pussess tal-konvenut *nomine* kien **ekwivoku** billi l-fond kien godut in komuni miegħu, jiġifieri mal-fratellanza, kif ukoll li kien jonqsu l-element **taż-żmien** kif sottomess minnu fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu tat-28 ta' Ġunju 1990;

*Omissis;*

Qabel tgħaddi biex teżamina l-mertu ta' l-usucapio eċċepita mill-konvenuti *nomine,* il-Qorti trid ukoll tiddikjara li ġie ppruvat sodisfaċentement li l-maħżen in kwistjoni nbena fuq art tal-fratellanza u li huwa risaput ukoll li *quidquid plantatur solo, solo cedit* li hu prinċipju sanċit bl-artikolu 566 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi li:

566. "L-aċċessjoni hija l-jedd li bih min għandu l-proprjetà ta' ħaġa jakkwista l-proprjetà ta' dak kollu li dik il-ħaġa tagħti, jew li jingħaqad jew li jsir biċċa waħda magħha, sew b'mod naturali jew bix-xogħol tal-bniedem";

Id-difiża tal-konvenuti hija li jekk il-maħżen kien tal-fratellanza dan ġie akkwistat minnhom bil-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi in sostenn tat-teżi tagħhom il-konvenuti *nomine inter alia* ssottomettew li huma ħarġu l-flus għall-bini tal-maħżen, huma dejjem ħallsu l-kontijiet ta' l-ilma u elettriku, iċ-ċavetta dejjem żammewha huma u f'xi żmien kien hemm bżonn jinbidel is-saqaf tiegħu u l-każin (jiġifieri l-konvenuti *nomine)* nefaq is-somma ta' Lm3,000 biex bidlu u meta kien dovut appoġġ dan tħallas lill-każin u mhux lill-fratellanza (l-attur *nomine);*

L-attur *nomine* ssottometta li l-pussess tal-konvenuti *nomine* kien ekwivoku għaliex:

(1) Fil-maħżen kienu u għadhom jinżammu tant oġġetti tal-każin kemm oġġetti tal-fratellanza u li kien għalhekk li qatt ma ntalab kera mingħand il-każin;

(2) Ebda dokument ma ġie prodott li jiġġustifika li kien il-każin li ħareġ il-flus għall-bini tal-maħżen;

(3) Il-ħlas ta' l-ilma u elettriku huma *de minimis* u ma jirradikawx drittijiet;

(4) Iż-żamma tal-muftieħ mill-każin ma kien fiha xejn ħażin sakemm kienet tirrenja l-paċi u kien hemm, kif intqal, kemm oġġetti tal-każin kif ukoll tal-fratellanza fil-maħżen u l-prokuratur tal-fratellanza kien attivissimu fil-każin;

(5) L-infiq għall-bdil tas-saqaf ma jfisser xejn minħabba

l-konfużjoni fis-sens legali li huwa jallega li kien hemm tal-Ġużeppini kif xehed Joseph Agius fis-seduta tat-23 ta' Jannar, 1987;

(6) Il-ħlas ta' l-appoġġ minn Francis Vassallo li flok sar lill-fratellanza sar lill-każin ma sarx lill-fratellanza billi Monsinjur Zammit ippretenda somma akbar minn dik li offrielu Vassallo u dan ta' l-aħħar allura spiċċa biex ħallas l-ammont li kien qallu l-Perit Aquilina lill-kaxxier tal-każin li nzerta kien ħuh;

L-attur *nomine* wkoll issottometta li jonqos ukoll l-element taż-żmien billi huwa allega li l-Prokuratur li ħa ħsieb il-bini tal-maħżen fis-sena 1910 kien Vincenzo Borg li baqa' Prokuratur tal-fratellanza sas-sena 1945 u li żgur ħadd daqsu ma kien jaf li l-maħżen inbena fuq art tal-fratellanza u kien jappartjeni lill-istess fratellanza u li bejn l-1945 u s-sena 1974 meta inbdew il-proċeduri, ma kinux għaddew 30 sena, wisq inqas l-40 sena rikjest mil-liġi;

Ikkunsidrat:

Illi hija taqbel li l-ħlas ta' l-appoġġ li sar lill-każin huwa fatt ekwivoku u jikkonstitwixxu *res inter alios acta* għall-attur *nomine;*

Iridu però jiġu eżaminati għalhekk il-fatti l-oħra li rriżultaw sabiex jiġi stabbilit jekk il-konvenuti *nomine* rnexxilhomx jissostanzjaw it-teżi tagħhom li huma ppossedew il-maħżen *animo domini* u għaż-żmien rikjest mil-liġi għall-finijiet ta' l-*usucapio;*

Il-Qorti hija tal-fehma li l-kumulu ta' ċerti fatti li rriżultaw għandhom valur probatorju suffiċjenti għalkemm forsi ebda

wieħed minnhom waħdu ma hu pjenament konklużiv;

L-allegazzjoni ta' l-attur *nomine* li fil-maħżen jinżammu oġġetti tal-fratellanza m'hiex korretta mill-provi. Diversi xhieda ċaħdu kategorikament li fil-maħżen kienu jinżammu oġġetti tal-fratellanza flimkien ma' l-armar tal-festa, li rriżultaw li jappartjeni kollu lill-każin. Hawnhekk il-Qorti tħoss li għandha tanalizza l-kontenut tar-rikors li kien ġie ppreżentat mill-imsemmi Vincenzo Borg fit-28 ta' April 1910 kif ukoll ir-Relazzjoni fuq l-istess rikors datata 13 ta' Mejju 1910. Ir-rikors ma jsemmix ta' min huma "*gli oggetti di ornamento tanto interno quanto esterno che soglionsi esporre per la festa di San Giuseppe*". Il-paragrafu (4) tar-Relazzjoni jgħid:

"*Senza la fabbrica della detta camera non si avrà luogo per la conservazione dei detti oggetti di ornamento nel caso che envisse ad essere sciolto il circolo San Giuseppe o che non volesse pagare il fitto per la conserva dei detti oggetti con grave pericolo di deterioramento o anche della perdita totale dei medesimi*". Insibu wkoll li r-Relazzjoni tesprimi wkoll l-opinjoni li l-bini ta' l-istess maħżen huwa vantaġġjuż għall-fratellanza billi sejjer isir mingħajr spejjeż għall-fratellanza u li l-gabillott tal-parti fejn kien ser jinbena l-maħżen kien sejjer jibqa' jħallas lill-fratellanza l-istess qbiela li kien iħallas bħallikieu ma naqaslu xejn ill-għalqa mqabbla lilu;

Il-konsiderazzjonijiet li jemerġu minn dak li ġie ċċitat fuq huma:

Li mkien ma jissemma li l-oġġetti li kienu ser jinżammu fil-maħżen kienu tal-fratellanza, anzi l-indikazzjonijiet huma li l-oġġetti jappartjenu lill-każin u dan għar-raġunijiet segwenti:

Jissemma li l-bżonn tal-maħżen huwa biex jiġu kkonservati l-oġġetti f'każ li jiġi xolt il-każin jew jekk il-każin ma jkunx irid iħallas il-kera għall-konservazzjoni ta' l-istess oġġetti. Dan fil-fehma tal-Qorti jindika li l-oġġetti kienu tal-każin għaliex altrimenti x-xoljiment tal-każin mhux fatt li għandu jaffettwa lil dawn l-oġġetti. Il-fatt li tissemma wkoll l-eventwalità li l-każin ma jkunx irid iħallas il-kera, ukoll jindika l-istess ħaġa għaliex kieku l-oġġetti ma kinux tal-każin ma kienx ikun hemm raġuni li wieħed jikkonsidra l-ħlas tal-kera għall-konservazzjoni tagħhom bħala xi obbligu tal-każin. Hemm ukoll indizji oħra li l-maħżen kien iddestinat biex fih jinżammu oġġetti appartenenti lill-każin u mhux lill-fratellanza. Kienu l-maħżen kien ser ikun għall-użu tal-fratellanza ma kienx ikun meħtieġ li jingħad bħala ġustifikazzjoni għall-bini tiegħu li l-fratellanza ma kienet sejra tonfoq xejn u li ma kienet ser titlef xejn mill-qbiela bil-bini ta' l-istess maħżen. Dawn il-konsiderazzjonijiet kellhom rilevanza proprju għaliex il-fratellanza kienet sejra tippriva ruħha minn parti mill-art;

L-interess li l-fratellanza kellha f'dan kien biex hija tassigura li l-armar tal-festa ta' San Ġużepp, allavolja mhux tagħha, jiġi kkonservat biex il-Festa tal-patrun tal-fratellanza tiġi ċċelebrata kif jixraq;

Il-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti hija li l-maħżen inbena proprju biex il-każin iżomm fih l-armar tiegħu tal-festa. Il-Qorti hija sodisfatta li rriżulta li l-muftieħ kien dejjem għand il-każin, li bena l-maħżen bil-flus erogati mill-benefatturi tiegħu u mhux tal-fratellanza, kif tixhed l-istess lapida fil-maħżen. Kien għalhekk li l-każin żamm il-muftieħ għandu, li kien iħallas ta' l-ilma u elettriku, li nefaq tlett elef lira (Lm3000) biex bidel is-saqaf għaliex *ab initio* l-maħżen inbena mill-każin għall-użu

tal-każin;

Fil-fehma tal-Qorti l-konvenuti *nomine* rnexxielhom jipprova sodisfaċentement li huma ppossedew *animo domini* l-maħżen minn mindu nbena fl-1910 u li għalhekk l-eċċezzjoni tagħhom li huma akkwistawh bil-preskrizzjoni akkwiżittiva għandha tiġi milqugħa;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti *nomine* li huma proprjetarji tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni in forza tal-preskrizzjoni akkwiżittiva minnhom invokata u konsegwentement tiċħad it-talba ta' l-attur *nomine;*

Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-kontendenti'';

Rat in-nota ta' l-appell tal-''konvenut'' *(recte* ''attur) *nomine* u l-petizzjoni tiegħu li permezz tagħha talab li din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-appell tiegħu u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha biss fejn akkollat fuq il-konvenuti l-ispejjeż tagħhom u tirrevokaha għall-bqija billi takkolji l-istanza kif dedotta bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti *nomine* appellati;

Rat ir-risposta tal-konvenuti *nomine;*

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appell ta' l-attur *nomine* hu limitat għall-konsiderazzjoni li l-ewwel Onorabbli Qorti ma tatx piż biżżejjed lill-element tan-**non-ekwivoċità** rikjest mil-liġi għall-akkwist ta' proprjetà bl-użukapjoni;

In sostenn ta' dan l-aggravju l-appellant jissottometi illi:

a) hawn qegħdin nitkellmu fuq maħżen mibni fuq art tal-Knisja minn partitarji tal-Każin tal-Banda ta' San Ġużepp li kienu membri kemm tal-Fratellanza omonima kif ukoll tal-Każin li jġib l-istess isem;

b) bejn il-membri taż-żewġ korpi kien hemm ġemellaġġ perfett u dan xehdu wkoll l-istess konvenut Joseph Agius li qal li "l-Konfraternità hija parti essenzjali, anzi ngħid integrali mas-soċjetà – ngħid għaliex aħna lkoll Ġużeppini";

ċ) jekk iż-żewġ korpi kienu *ex admissis* ħaġa waħda u integrati ma' xulxin kif setgħet parti waħda tarroga għaliha biss *erga omnes* pussess *animo domini?;*

d) min ħa ħsieb biex jibni l-maħżen fis-sena 1910 kien Vincenzo Borg li kien Prokuratur tal-Konfraternità u segretarju tal-Każin u dam hekk sa l-1945 u dan iġib li almenu sa żmien dan Borg żgur ma setax jingħad li xi waħda miż-żewġ korpi kienet qed iżżomm il-maħżen bħala proprjetà tagħha *di fronte* għall-korp l-ieħor u mill-1945 sa meta ġiet intavolata l-istanza ma laħqux għaddew l-erbgħin sena rikjesti mill-artikolu 2144 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16);

e) ir-rikors tat-28 ta' April 1910 li Vincenzo Borg kien ippreżenta l-Kurja bħala prokuratur tal-Konfraternità *se mai*

kellu jsaħħaħ it-teżi ta' l-attur *nomine* u mhux tal-konvenuti;

f) il-kweżit li kellha twieġeb għalih l-ewwel Onorabbli *Qorti kien jekk – fiċ-ċirkostanzi tar-raħal ta' Ħal-Għaxaq fejn* in-nies huma maqsuma bejn dawk li jżommu mal-Festa prinċipali ta' Santa Marija u dawk mal-Festa ta' San Ġużepp bi fratellanzi u każini separati – setgħax jingħad li **fil-konfront ta' Fratellanza u Każin ta' l-istess naħa,** kien hemm, dwar iż-żamma jew pussess ta' xi ħaġa sostanzjali – bħal ma hu maħżen intiż *"per la conservazione degli oggetti di ornamento tanto interno quanto esterno"* – dik l-univoċità li teskludi wieħed lill-ieħor;

Ikkunsidrat:

Illi l-*punti di partenza* ta' l-argument ta' l-appellanti in sostenn ta' l-appell tiegħu u ċjoè li essenzjalment bejn il-Każin u l-Konfraternità m'hemmx differenza, huwa kontradett mhux biss mill-fatt iżda anki mill-istess xiehda ta' Dun Karm Zammit li fid-deposizzjoni tiegħu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti fis-17 *ta' Lulju 1986, testwalment xehed* illi "Ngħid illi fil-parroċċa ta' Ħal-Għaxaq hemm il-Fratellanza ta' San Ġużepp li din hija distinta mill-każin ta' San Ġużepp. Ngħid illi l-Fratellanza hija ta' ħaġa ta' materja tal-Knisja waqt illi l-Każin huwa ħaġa ċivili";

Pattikament din hija tista' tgħid l-unika ħaġa li r-Reverendu Zammit kien kategoriku fiha għaliex għall-kumplament kien vag u strieħ fuq li seta' qallu ħaddieħor u f'ċerti aspetti huwa kontradett kemm mill-fatti kif ukoll minn diversi xhieda li kienu ħafna aktar preċiżi minnu probabbilment għax aktar intiżi minnu fuq kif verament kienu ċ-ċirkostanzi. Dak li effettivament qal Joseph Agius fix-xiehda tiegħu għalhekk ma jistax iservi bħala

konfort għat-teżi ta' l-attur appellant daqs kemm qed jiġi pretiż mill-istess appellant;

Jista' jiżdied, infatti, li l-kumplament kollu tax-xiehda ta' Joseph Agius huwa fis-sens li *nonostante* dan il-ġemellaġġ li l-appellant qed jintravvedi kwantu jirrigwarda l-Każin u l-Fratellanza u kwantu jirrigwarda l-maħżen kien hemm mhux biss separazzjoni assoluta iżda jidher li sa mill-bidu nett il-Każin dejjem ippretenda li l-maħżen kien jappartjeni lill-Każin u mhux lill-Fratellanza u dan proprju għax inbena mill-Każin u mhux mill-Fratellanza;

Effettivament jekk wieħed jipprova janalizza d-deposizzjoni tar-Reverendu Zammit isib mhux il-prova jew almenu indikazzjoni suffiċjenti li kien hemm din il-konfużjoni bejn iż-żewġ korpi anki għal dak li jirrigwarda l-maħżen iżda li l-Każin dejjem waqaf lill-Fratellanza kull meta kien hemm tentattiv min-naħa tal-Fratellanza li għall-Każin kien ifisser li l-istess Fratellanza kienet qed tippretendi xi drittijiet fuq il-maħżen. Aktar minn hekk però hemm il-fatt li l-istess Reverendu Zammit ma kienx korrett f'diversi asserzjonijiet li għamel fosthom per eżempju dwar min ħareġ il-flus għall-bini tal-maħżen u dwar x'kien jiġi maħżun fl-istess maħżen. L-istess xhud, per eżempju, jirriżulta kontradett mill-fatti u mix-xiehda meta xehed li fil-maħżen kienu jiġu maħżuna oġġetti tal-Fratellanza u dwar min kien intitolat u effettivament iżomm il-muftieħ tal-maħżen. Ma' dan jista' jiżdied li fil-maġġor parti tax-xiehda tiegħu speċjalment meta ddepona fuq x'għamel Vincenzo Borg daqqa jagħti *ad intendere* li kien qed ikun kategoriku f'dak li kien qed jgħid u mbagħad jgħid li x-xiehda tiegħu kienet ibbażata fuq dak li sema' u f'ċerti partijiet anki qal li assuma li seta' ġara kif qal hu però ma kienx jaf di xjenza proprja. Jista' jiżdied ukoll li l-provi juru

b'mod inkonfondibbli li fil-fatt il-Konfraternità – jekk qatt kellha oġġetti – att ma ħażnet l-oġġetti tagħha fil-maħżen *de quo* u f'dan ir-rigward anqas oġġetti tal-Knisja mentri jirriżulta li l-armar tal-festa huwa kollu kemm hu tal-każin li dejjem immagazzinah fil-maħżen in kwistjoni. Mhux hekk biss, anzi jirriżulta li kemm fi żmien ir-Reverendu Zammit kif ukoll qabel kull meta l-Konfraternità kien jeħtiġilha taħżen iċ-ċelu tat-tużell kienet titlob permess lill-każin li kien normalment jaċċetta u ċ-ċavetta kienet tiġi kkonsenjata mill-Każin;

In konklużjoni, din il-Qorti bħall-ewwel Onorabbli Qorti hija pjenament sodisfatt li meta Vincenzo Borg ippreżenta r-rikors ta' l-1910 lill-Kurja biex il-Fratellanza tibni maħżen fuq l-art tagħha, liema talba kienet ġiet akkordata, l-istess maħżen ma nbeniex mill-Fratellanza iżda mill-Każin li sa mill-bidu nett jidher li ppretenda li l-każin kien tiegħu anki jekk mibni fuq art tal-Konfraternità u dejjem żamm pussess tal-muftieħ u okkupah u użah *animo domini* b'mod univoku għall-aħħar għal aktar minn erbgħin sena. Isegwi li l-appell mhux sostnut u jimmerita li jiġi respint;

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a kariku ta' l-appellant.